MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2011

Rikors Numru. 38/2010

**John Fitz**

**vs**

**L-Avukat Generali;**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni; u**

**Il-Kummissarju ta' l-Artijiet**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat minn John Fitz fl-10 ta' Gunju, 2010, li jaqra hekk:

Illi permezz ta' kuntratt datat 13 ta' Jannar 1978 fl-Atti tan-Nutar Angelo Sammut, ir-rikorrenti kien akkwista l-utile

dominju perpetwu tal-fond bin-numru mija u tmenin (180), Triq il-Wied, Msida, kif soggett ghac-cens annwu perpetwu ta’ hames mija u erbgha u ghoxrin Euro u hdax-il centezmu (€524.11);

Illi in virtu’ ta’ Dikjarazzjoni tal-President ta’ Malta lilu notifikata permezz ta’ ittra ufficjali datata 18 ta’ Ottubru 2000, li kopja taghha qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. A, il-fond de quo fuq imsemmi gie esproprjat a favur tal-Gvern ta’ Malta ghall-iskopijiet pubblici dikjarati;

Illi in ezekuzzjoni tal-ordni kontenuta fid-decizjoni tal-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet datata 5 ta’ Novembru 2009, fl-ismijiet **Il-Kummissarju ta’ l-Artijiet vs John Fitz**, gie konkluz il-kuntratt ta’ trasferiment datat 24 ta’ Frar 2010, fl-atti tan-Nutar Diana Charles, li kopja tieghu qed jigi hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok. B, li permezz tieghu, il-Gvern ta’ Malta akkwista l-utile dominju perpetwu tal-fond *de quo*, kif soggett ghac-cens annwu u perpetwu ta’ hames mija u erbgha u ghoxrin Euro u hdax-il centezmu (€524.11); ghall-prezz stabbilit mill-imsemmija decizjoni fis-somma ta’ tnejn u sittin elf tmien mija u tlieta u ghoxrin Euro u ghoxrin centezmu (€62,823.20), flimkien mas-somma ta’ dsatax-il elf, sitt mija u sitta u tmenin Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€19,686.24), rapprezentanti imghaxijiet dovuti lir-rikorrenti;

Illi minkejja l-fatt illi t-trasferiment ta’ l-utile dominju perpetwu tal-fond *de quo* lill-Gvern ta’ Malta sar unikament bis-sahha tad-Dikjarazzjoni tal-President ta’ Malta fuq imsemmija a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 3 *et seq* tal-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta’ Malta, u kwindi b’mod sfurzat u kompletament indipendentement mir-rieda jew il-konkorrenza o meno tar-rikorrenti, l-istess rikorrenti gie tenut ihallas, fuq l-att ta’ trasferiment tal-24 ta’ Frar 2010, is-somma ta’ sebat elef hames mija u tmienja u erbghin Euro (€7,548), in linea ta’ taxxa fuq il-qligh kapitali u dan ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 5(1) tal-Kapitolu 123 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi effettivament, ghalkemm id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 5(5)(d) tal-Kapitolu 123 jeskludu espressament, mill-applikazzjoni tat-taxxa in kwistjoni, kwalunkwe qligh jew profitt naxxenti minn trasferiment ta’ proprjeta’ lill-Gvern ta’ Malta in forza ta’ Dikjarazzjoni tal-president ta’ Malta a tenur tad-Dispozizzjonijiet tal-imsemmi Kapitolu 88, l-imsemmija dispozizzjonijiet tal-Artikolu 5(5)(d) tal-Kapitolu 123 japplikaw biss ghal dawk il-proprjetajiet li gew esproprjati qabel il-25 ta’ Novembru 1992;

Illi konsegwentement, in vista tal-fatt illi l-fond de quo gie milqut bid-Dikjarazzjoni tal-President a tenur tal-Kapitolu 123 wara l-25 ta’ Novembru 1992, ossia fis-6 ta’ Frar 1996, ir-rikorrenti ma setax jibbenefika mill-eskluzjoni kontemplata fid-dispozizzjonijiet ta’ l-Artikolu 5(5)(d) u konsegwentement hallas taxxa fuq il-qligh kapitali fuq it-trasferiment tal-fond lill-Gvern ta’ Malta, fis-somma fuq imsemmija ta’ €7,548;

Illi fic-cirkostanzi tal-kaz tieghu, ir-rikorrenti mhux talli ma kellu l-ebda ghazla dwar it-trasferiment o meno tal-fond *de quo*, dwar min kien sejjer jakkwista l-istess fond, dwar meta sehhet l-esproprjazzjoni, jew dwar il-prezz tat-trasferiment, talli lanqas ma kellu l-ebda ghazla hlief illi jhallas it-taxxa fuq il-qligh kapitali, u dan minkejja l-fatt illi trasferimenti ta’ proprjeta’ lill-Gvern ta’ Malta in forza ta’ esproprjazzjonijiet li saru qabel il-25 ta’ Novembru 1992, ma kinux taxxabbli f’dan ir-rigward;

Illi jirrizulta li ma hemm l-ebda raguni valida jew gustifikazzjoni oggettiva jew ragjonevoli ghad-differenza fit-trattament ta’ individwi riferibbilment ghall-hlas ta’ taxxa fuq il-qligh kapitali fuq trasferiment ta’ proprjeta’ konsegwentement ghal Dikjarazzjoni tal-President ta’ Malta a tenur tal-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta’ Malta li tkun saret qabel il-25 ta’ Novembru 1992, u wara l-25 ta’ Novembru 1992;

Illi ghalhekk, permezz tad-Dispozizzjonijiet tal-Artikolu 5(5)(d), dawk l-individwi illi ttehditilhom il-proprjeta’ taghhom in forza ta’ Dikjarazzjoni mahruga a tenur tal-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta’ Malta wara l-25 ta’ Novembru

1992, bhal fil-kaz tar-rikorrenti, qed isofru trattament differenti meta mqabbla ma' individwi li l-proprjeta' taghhom tkun giet esproprjata qabel il-25 ta' Novembru 1992, u meta mqabbla ma' individwi li jkunu ttrasferixxu l-proprjeta' taghhom b'mod volontarju u/jew bi qligh, u dan b'lezjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom kif sanciti u protetti mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li jesigi li individwi f'kazijiet analogi jew relattivament simili, jinghataw trattament ugwali;

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-agir tal-intimati jew min minnhom li riedu, permezz tad-Dispozizzjonijiet tal-Artikolu 5(5)(d) tal-Kapitolu 123 tal-Ligijiet ta' Malta, li r-rikorrenti jigi kostrett illi jhallas it-taxxa fuq il-qligh kapitali fic-cirkostanzi tat-trasferiment sfurzat tal-fond *de quo*, li gie esproprjat u ghalhekk mehud mill-pussess tar-rikorrenti indipendentement mir-rieda tieghu, jammonta ukoll ghall-ksur manifest u car tad-dritt fondamentali tieghu kif protett fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

Illi kkunsidrat dan kollu, apparti kull rimedju iehor li tista' taghti dina l-Onorabbli Qorti, ir-rikorrenti jinsisti li bhala rimedju biex jigi rivendikat id-drittijiet fundamentali tieghu, huwa intitolat ghar-rifuzjoni tat-taxxa fuq il-qligh kapitali li hallas fuq it-trasferiment sfurzat tal-fond gewwa 180, Triq il-Wied, Msida, u cioe' is-somma ta' sebat elef hames mija u tmienja u erbghin Euro (€7,548);

Illi minkejja illi l-intimati gew interpellati sabiex jirrifondu lir-rikorrenti, is-somma minnu mhallsa fuq l-att ta' trasferiment tal-24 ta' Frar 2010, u dan permezz ta' ittra ufficjali datata 12 ta' April 2010, lilhom debitament notifikati, huma baqghu inadempjenti.

Talbet l-esponenti tghid sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati jew min minnhom, permezz tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 5(5)(d) tal-Kapitolu 123 tal-Ligijiet ta' Malta, u permezz tal-fatt illi r-rikorrenti gie mgieghel ihallas it-taxxa fuq il-qligh kapitali fuq it-trasferiment fl-atti tan-Nutar Diana Charles tal-24 ta' Frar 2010, agixxew b'mod diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti b'lezjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu kif sanciti fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll illedew id-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti ai temrini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-imsemmija Konvenzjoni;

Taghti dawk ir-rimedji kollha necessarji, taghmel dawk l-ordnijiet u taghti dawk id-direttivi kollha li tqis xierqa, sabiex jitwettqu u jitharsu d-drittijiet fondamentali tal-principal tal-esponenti, kompriz l-ordni sabiex jigi rifuz l-ammont li hallas ir-rikorrenti in linea ta' taxxa fuq il-qligh kapitali fuq l-att ta' trasferiment datat 24 ta' Frar 2010, kif ukoll kompriz id-dikjarazzjoni illi d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 5(5)(d) tal-Kapitolu 123 tal-Ligijiet ta' Malta u kwalunkwe dispozizzjoni ohra ta' dik il-Ligi li tesigi l-hlas tat-taxxa fuq il-qligh kapitali fuq trasferimenti li jsiru a favur tal-Gvern ta' Malta bis-sahha ta' esproprjazzjoni, huma nulli u minghajr ebda effett legali.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tat-tlett intimati flimkien, li in forza taghha eccepew illi:

In linea preliminari, l-esponenti jirrilevaw li r-rikorrent ma ezawriex ir-rimedji ordinarji ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u 4(2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta billi ma gewx ezawriti l-mezzi ordinarji ta' rimedju provduti fil-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors fil-konfront tal-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijiet:

(i) Illi l-esponenti jirrilevaw li skond l-Artikolu 5A(1) tal-Att Dwar it-Taxxa fuq l-Income (Kap. 123) kull trasferiment ta’ proprjeta’ huwa taxxabbli u dan jinkludi trasferiment ta’ proprjeta’ li l-Gvern ikun ha pussess tieghu. Ghaldaqstant, it-taxxa fuq trasferiment ta’ proprjeta’ mhallsa fl-4 ta’ Marzu 2010, fl-ammont ta’ sebat elef, hames mija u tmienja u erbghin Ewro (€7,548), liema taxxa thallset mir-rikorrent fuq it-trasferiment ta’ proprjeta’ bil-valur ta’ tnejn u sittin elf, tmien mija u tlieta u ghoxrin Ewro u ghoxrin centezmu (62,823.20), kienet dovuta skond il-ligi. Inoltre, jirrizulta ukoll li fuq dan it-trasferiment thallsu skond il-ligi l-interessi fl-ammont ta’ (€19,686.24).

(ii) Illi fil-fatt li l-proprjeta’ tar-rikorrent giet trasferita wara decizjoni tal-Bord tal-Arbitragg tal-5 ta’ Novembru 2009, dwar liema decizjoni, ir-rikorrent ghazel ghar-ragunijiet tieghu li ma jappellax, ma tohloq l-ebda ezoneru mill-hlas tat-taxxa dovuta fuq trasferiment ta’ proprjeta’, bhal fil-kaz ta’ kull persuna ohra li ttrasferiet il-proprjeta’ taghha wara esproprjazzjoni, wara li giet *in vigore* l-ligi in kwistjoni fil-25 ta’ Novembru 1992, u cioe’ l-Artikolu 5(5)(d) tal-Kap. 123.

(iii) Illi l-esponenti jirrilevaw li f’kaz ta’ allegazzjoni ta’ diskriminazzjoni, jehtieg li wiehed iqabbel *like with like*. Fic-cirkostanzi odjerni, dan mhux il-kaz stante li l-legislatur emenda l-ligi ghal kulhadd u kull persuna li tinstab f’cirkostanzi analogi sa mill-25 ta’ Novembru 1992, ottemperat ruhha ma’ din id-dispozizzjoni tal-ligi.

(iv) Illi l-esponenti jirribattu ukoll li lanqas m’hemm ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea stante li dan m’ghandux ezistenza indipendenti bhall-artikoli l-ohra tal-Konvenzjoni Ewropea.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq esposti, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent kif dedotti fir-rikors promotur bhala infondati fil-fatt u fid-dritt peress li ma jirrizulta ebda ksur tal-Artikoli 37 u 45 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta jew tal-Protokoll 1 tal-Artikolu 1 u tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni

Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem; bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza, ir-rikorrent qed jilmenta mill-fatt li wara l-esproprju mill-Gvern tal-proprjeta' tieghu fi Triq il-Wied, Msida, u thallas il-kumpens, hu kellu jhallas "capital gains tax", u dan meta hu ma bieghx il-proprjeta' minn jeddu u bi hsieb li jaghmel qligh, izda ghax gie mgieghel jaghmel hekk mill-awtorita' kompetenti. Hu jilmenta l-aktar mill-fatt li fil-waqt li l-proprjeta' esproprjata qabel il-25 ta' Novembru 1992, hi ezenta mill-hlas ta' taxxa fuq il-qligh kapitali meta jsir it-trasferiment, din l-ezenzjoni, skond il-ligi, ma tapplikax ghal dawk il-proprjetajiet li ttiehdu mill-Gvern wara l-imsemmija data, kif gara f'dan il-kaz. Hu jilmenta li dan il-provvediment tal-ligi hu wiehed diskriminatorju.

Din il-Qorti ma taqbilx mal-argumenti tar-rikorrenti, u ghal dan il-ghan taghmel referenza ghad-decizjoni ta' din il-Qorti fil-kawza "<u>Enrietta Bianchi et vs L-Avukat Generali et</u>", deciza fil-15 ta' Marzu 2010. Hu veru li dik il-kawza ghadha pendenti fl-appell quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali, pero', din il-Qorti, kif presjeduta, taqbel ma' dak li osservat din il-Qorti f'dik il-kawza. Dik il-kawza kienet tolqot imposizzjoni jew ammont ta' taxxa (stamp duty) fuq bejgh ta' proprjeta' gejja minn wirt .

F'dik il-kawza, l-ilmenti tar-rikorrenti gew michuda wara li saru dawn l-osservazzjonijiet minn din il-Qorti:

"*Ir-rikorrenti sostnew li l-element diskriminatorju huwa lampanti fil-fatt illi filwaqt illi meta l-legislatur impona t-taxxa ta' 35% l-istess taxxa ghamilha back dated sal-1992, meta nizzel l-istess rata ta' taxxa ghal 12%, u allura*

*kienet aktar favorevoli ghat-tax payer, ma mexiex bl-istess mod u ma ghamilhiex tapplika back dated. Ziedu li bil-mod kif gew introdotti t-tibdiliet fir-rata tat-taxxa tal-Capital Gains gew lezi d-drittijiet fundamentali taghhom fosthom id-dritt fundamentali ta' tgawdija ta' proprjeta'. Izda din il-Qorti ma taqbilx ma' dan ir-ragunar ghax l-ewwelnett il-Gvern tal-gurnata ghandu d-dritt li jirregola kull tip ta' taxxa, boll ecc. Ghandu d-dritt li jgholli u jbaxxi r-rati ta' taxxi skond dak li fil-fehma tieghu huwa fl-interess tal-pajjiz. Din hi haga li grat ripetutament kemm f'Malta kif ukoll f'diversi pajjizi ohra fosthom dawk membri tal-EU. Gvern certament ma ghandux dritt li jadopera mizuri fiskali li jolqtu persuna wahda jew ftit nies izda min-naha l-ohra sakemm il-mizuri fiskali jkunu intizi b'mod generali l-Qrati ma ghandhom ebda poter ta' sindakabilta'. Hadd ma jiehu gost ihallas it-taxxi u certament hemm taxxi li jolqtu aktar sezzjoni tal-poplu minn ohra izda dan xorta wahda jaqgha fil-mansjonijiet tal-Gvern.*"

Din il-Qorti, kif issa presjeduta, taqbel ma' dan ir-ragunament kif espress, u tara li japplika sew ghal dan il-kaz. Il-Gvern ghandu kull dritt jibdel il-policy ekonomika tieghu u jimponi u jbiddel it-taxxa skond l-esigenzi tal-pajjiz. F'dan il-kaz, ir-regola kienet li meta l-Gvern jesproprja proprjeta' u jsir trasferiment forzuz tal-istess, ma tithallas ebda taxxa fuq il-"qligh", jigifieri fuq id-differenza bejn il-prezz tal-akkwist originali, u l-prezz tat-trasferiment.

Wara xi zmien, il-Gvern iddecieda li dan il-"qligh" ghandu jigi intaxxat, u l-artikolu 5 tal-att dwar it-Taxxa fuq l-Income (Kap. 123 tal-Ligijiet ta' Malta), fil-fatt, jippreskrivi hlas ta' taxxa fuq "qligh jew profitt li jinqala' mit-trasferiment ta' proprjeta'". Il-ligi tippreskrivi li jsir dan il-hlas fuq kull "trasferiment" ta' proprjeta', li tinkludi kull assenjament, bejgh jew donazzjoni, minghajr distinzjoni. L-artikolu 5(5)(d) jghid, u mbaghad, li dan il-hlas m'ghandux isir:

"*meta l-proprjeta' tkun ittiehdet mill-Gvern u l-President ta' Malta jkun hareg dikjarazzjoni dwar hekk skond l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici qabel il-25 ta' Novembru, 1992;*"

Fid-determinazzjoni ta' din id-data, din il-Qorti ma tara xejn diskriminatorju ghax hu ovvju li meta tigi imposta xi taxxa jrid ikun hemm "cut-off point", jew ahjar, data minn meta tkun applikabbli dik it-taxxa.

Kif kompliet tghid din il-Qorti fil-kawza fuq imsemmija:

"*Dwar diskriminazzjoni jinghad li hemm diskriminazzjoni meta persuni f'sitwazzjonijiet simili jigu trattati b'mod differenti minghajr ebda gustifikazzjoni ragjonevoli u oggettiva u fejn ma hemmx proporzjonalita' ragjonevoli bejn il-mezzi u l-ghan intenzjonat. Rikorrent irid jipprova li f'sitwazzjonjiiet analogi rcieva trattament differenti, aktar favorevoli. Ir-rikorrent irid jipprova li hu gie trattat b'mod ingust b'paragun ma' persuni ohra f'sitwazzjoni analoga. Jekk is-sitwazzjoni mhux analoga, ma hemmx l-obbligu ta' l-istat li jiggustifika t-trattament differenti – ara sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali deciza fil-31 ta' Mejju, 1999, fl-ismijiet* ***Dr. Victor Sultana vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru****.*"

F'dan il-kaz, ukoll, ir-rikorrenti ma uriex li hu gie trattat b'mod differenti minn ohrajn f'sitwazzjoni analoga. Fissazzjoni ta' data minn meta jibdew japplikaw certi regoli fiskali, sakemm japplikaw "across the board", huma necessarji ghax altrimenti nigu ghall assurd li l-Gvern ma jistax ibiddel rati ta' taxxa jew jimponi taxxi godda, ghax dan, necessarjament, ikun ifisser taxxi godda fejn qabel ma kienx hemm.

Irrizulta li l-legislatur ghamel ligi, izda li b'ebda mod ma kienet diskriminatorja fuq xi individwi partikolari, inkluz ir-rikorrenti. Wiehed irid izomm f'mohhu dejjem li jkun hemm ligijiet li jolqtu aktar kategorija minn ohra, bhal ma hu l-kaz ta' l-*income tax bracket*, *capital gains*, *land tax*, izda dan ma jwassalx ghall-konkluzjoni li jkun hemm diskriminazzjoni. Fil-kaz odjern, ir-rikorrenti, ma rnexxielhomx jaslu ghall-prova li kien hemm xi diskriminazzjoni fil-konfront taghhom.

L-istess ghandu jinghad dwar il-fatt li l-Gvern impona l-hlas ta' din it-taxxa fuq kull trasferiment, minghajr distinzjoni dwar jekk dan it-trasferiment kienx volontarju jew le. Gia' gie deciz minn din il-Qorti fil-kawza "Vella et vs Kummissarju tal-Art et", deciza fit-23 ta' April, 2010, li l-Gvern ghandu dritt, insitu fl-awtorita' tieghu, li jesproprja l-art; id-drittijiet tac-cittadin huma marbuta mal-htiega li l-esproprjazzjoni verament tkun mehtiega ghal skop pubbliku, li l-istess isir kif trid il-ligi, u li jinghata kumpens adegwat. Dawn il-kundizzjonijiet mhux qed jigu kontestati f'dan il-kaz. Darba hu hekk, ma jistax jinghad li gie lez id-dritt tar-rikorrenti ghall-protezzjoni tal-possedimenti tieghu. L-imposizzjoni ta' taxxa b'mod generali fuq kull "qligh" wara trasferiment ta' proprjeta' immobiljari, anke jekk dak it-trasferiment sar b'mod forzuz, ma jistax jitqies li jilledi d-dritt ghad-dgawdija tal-proprjeta'. It-taxxa fuq id-dhul hija odjuza, pero' ghandha tithallas fuq kull income kif trid il-ligi. L-istess dwar it-taxxa fuq qligh kapitali: kif isir dan il-"qligh" huwa immaterjal u la hemm profitt, l-imposizzjoni ta' taxxa fuqu tista' titqies odjuza, pero', zgur mhux bi ksur tad-dritt tal-proprjeta'.

Wiehed irid jiftakar li, bhala regola, l-imposizzjoni ta' taxxi mill-Gvern tohrog barra milli tkun ikkunsidrata fl-isfera tad-drittijiet tal-bniedem, hlief li gie ritenut li jekk il-Gvern johloq procedura ta' kontestazzjoni, il-Qrati jistghu jissindikaw biex jaraw li min kien ressaq kontestazzjoni, ikun inghata smigh xieraq. Aktar minn hekk, il-politika fisikali tal-pajjiz hija mhollija fid-diskrezzjoni tal-Gvern tal-gurnata, u sakemm ma ssirx xi ligi li, b'mod dirett jew indirett, hija immirata lejn xi hadd in partikolari, ebda kontestazzjoni ta' natura kostituzzjonali ma tista' tirnexxi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi tichad l-istess, bl-ispejjez kollha jithallsu mill-istess rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------